# Messaġġi



Fid-dar tal-familja Borġ it-telefonati ma jaqtgħu xejn. Il-ħin kollu jridu jinkitbu messaġġi għas-Sur Borġ.

**Dorina**: Ħelow! Hawn id-dar tal-perit Borġ. Jiena t-tifla tiegħu.

**Pawlu**: Jiena Pawlu l-Bennej. Nista' nkellem lill-papà jekk jogħġbok?

**Dorina**: Bħalissa mhux qiegħed hawn. Għandu xi xogħol barra. Trid tħallilu messaġġ?

**Pawlu**: Nixtieq li għada jiġi jara l-binja f'Misraħ Qoxra. Jekk jogħġbok għidlu jċempilli fuq in-numru 21 777 777. Grazzi!

**Dorina**: Mela kif jasal nagħtih dan il-messaġġ. Ngħidlu jċempillek fuq in-numru 21 777 777 biex jgħidlek jistax jiġi jara l-binja f'Misraħ Qoxra. Grazzi! Insellimlek.

1. It-telefonata saret ġo ***uffiċċju*** ***dar.***
2. Min ċempel? ***Pawlu*** ***Salvu***
3. Lil min ried ikellem? ***Sur Borġ*** ***Sinjura Borġ***
4. Is-Sur Borġ huwa ***għalliem*** ***perit***
5. Min qabad it-telefown? ***Dorina*** ***Mikelina***

6. Pawlu ċempel biex jgħid lis-Sur Borġ jiġi jara ________________ għada.

7. Fuq liema numru jrid iċempel lura s-Sur Borġ? ________________

8. Il-konverżazzjoni kienet ***pastaża*** ***edukata.***

*Addattat minn Klikk*
*Ms Lisa Micallef*

LIVEWORKSHEETS